MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 96/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha t-Tabib Karl Chircop**

**vs**

**Joseph Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u tmenin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm1280.93) rapprezentanti danni li sofriet is-socjeta` attrici assikuratrici meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru KHQ-066 fis-27 ta' Settembru, 2004 gewwa iz-Zejtun habat mal-vettura numru IBE-416 proprjeta` tat-Tabib Karl Chircop u kkaguna danni f'din l-istess vettura.**

**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 ta' Novembru, 2004, kontra l-konvenut u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tal-ittra ufficjali, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-7 ta' Frar, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi huwa ma jahtix ghall-incident de quo ;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess id-danni reklamati huma esagerati ;**
**iii. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;**
**iv. salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda tal-Warden 294 Simon Debono, Adriana Chircop u Joseph Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fiz-Zejtun f'tal-Barrani, hdejn id-dwal tat-traffiku li hemm hdejn l-Istatwa tal-Annunzjata. Il-vetturi involuti fil-kollizjoni kienu l-vettura IBE-416 misjuqa minn Adriana Chircop, u t-trailer numru KHQ-066 misjuq mill-konvenut.**
**2. Iz-zewg vetturi kienu hergin minn fejn hemm traffic lights. Il-konvenut kien fil-karregjata ta' gewwa, dik tax-xellug, filwaqt li Chircop kienet giet biswitu fil-karreggata ta' barra, cioe` dik tal-lemin.**
**3. Jirrizulta li meta qaleb id-dawl ghall-ahdar, iz-zewg vetturi bdew hergin. Pero` jirrizulta li meta Chircop rat lill-attur bil-mod kif kiser, li kien gej fuqha, waqfet mal-ewwel. It-trailer pero` laqat maghha xorta mill-mudguard ta ' quddiem lejn il-bieba.**
**4. Skond ma qalet Chircop « a tempo vergine », it-trailer ghafas fuqha u tefaghha fuq ic-central strip, u baqa' jsuq. Jirrizulta bhala fatt, anke mir-ritratti esebiti**

**li Chircop spiccat fuq is-central strip. It-Tribunal iqies dan bhala fattur importanti ghad-determinazzjoni tal-kaz, in kwantu juri bic-car li anke jekk imxiet xi ftit, Chircop kienet fil-fatt ghadha biswit ic-central strip. Li kieku kien diversament ma kienetx tispicca fejn fil-fatt spiccat.**

**5. Jirrizulta li t-trailer mexa bicca sew, u baqa' miexi anke wara li habat mal-vettura tal-assikurat. Jirrizulta li il-konvenut hareg ghad-dritt. Tenut kont tal-vejikolu partikolari (ziemel bi trailer) li kien qed isuq, dan messu gibed aktar lejn ix-xellug qabel ma beda jikser. Jirrizulta li fil-fatt meta huwa hareg bi dritt u beda jikser, il-parti ta' wara, cioe` it-trailer rass ghal fuq il-vettura tal-assikurat. Kien ghalhekk li dan laqatha b'dik li ssejhet gibda li bdiet mill-mudguard u kompliet lejn il-bieba, kif indikat fir-ritratt Dok.SD6.**

**6. Jirrizulta li l-point of impact kien hdejn id-dwal tat-traffiku, u mhux aktar il-quddiem.**

**7. Jirrizulta wkoll li meta Chircop innutat kif kien qed jimmanuvra l-konvenut, din daqqitlu il-horn.**

**8. Ma hemmx dubbju, li min qed isuq vejikolu ta' dik in-natura ghandu responsabilita` kbira li jara li jsuq minghajr ma jikkawza danni. Ma kienx sufficjenti li l-konvenut ihares fil-mirja li ghandu, u b'hekk jghid li jigi ezentat mir-responsabilita`. Dana kellu isuq bil-massima diligenza u waqt li qed jaghmel dik il-manuvra, peress illi l-parti ta' wara ma tkun qed tiehu l-istess angolatura li jkun ha l-hekk imsejjah ziemel. Ghalhekk huwa irid jibqa' jippresta l-attenzjoni tul il-manuvra kollha, biex jassikura ruhhu li ma jikkagunax danni.**

**9. Ghalhekk jirrizulta li ghall-inicident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut.**

**10. Id-danni huma dawk li jirrizultaw mid-dokumenti esebiti a fol.12 sa fol.25 tal-process, u dana fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' elf**

**mitejn u tmenin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm1280.93), bl-imghaxijiet mill-1 ta' Novembru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 ta' Novembru, 2004, kontra l-konvenut u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------